KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fil-11 ta' Lulju 2024[1]

Kawża C-369/23

Vivacom Bulgaria EAD
vs
Varhoven administrativen sad,
Natsionalna agentsia za prihodite

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Responsabbiltà ta' Stat Membru għal danni kkawżati lil individwi bħala riżultat ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli għal qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza – Regoli nazzjonali li jipprevedu l-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-aħħar istanza biex tisma' rikorsi bbażati fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli għal din il-qorti – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Qorti indipendenti u imparzjali – Eżami oġġettiv ta' imparzjalità"

I. Introduzzjoni

1. L-imparzjalità hija karatteristika ta' qorti. Sa mit-399 Q.K.., Socrates qal: "Erba' affarijiet jappartjenu lil imħallef: li jisma' b'korteżija, li jwieġeb b'għerf, li jikkunsidra b'diliġenza u li jiddeċiedi b'imparzjalità[2]" [traduzzjoni libera].

2. Qorti li hija mitluba tiddeċiedi dwar il-ksur tagħha stess tad-dritt tal-Unjoni hija imparzjali?

3. Din il-kwistjoni tqum fil-kawża ineżami fil-kuntest ta' rikors għad-danni mressaq minn kumpannija, liema rikors huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni minn qorti nazzjonali tal-aħħar istanza.

II. Il-fatti tal-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

4. Vivacom Bulgaria EAD (iktar 'il quddiem "Vivacom") hija kumpannija Bulgara li tipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjonijiet.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Ara Geyh, C.G., "The Dimensions of Judicial Impartiality", *Florida Law Review*, Vol. 65, Nru 2, 2014, p. 493, b'mod partikolari p. 498.

5. Matul l-2007 u l-2008, hija bagħtet fatturi lil żewġ kumpanniji Rumeni fuq il-bażi ta' kuntratti ta' bejgħ ta' kards imħallsa minn qabel u ta' vawċers għal servizzi ta' telekomunikazzjonijiet, li juru t-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") bħala 0 %.

6. Waqt awditu fiskali, in-Natsionalna agentsia za prihodite (l-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul Pubbliku, il-Bulgarija; iktar 'il quddiem in-"NAP") qieset li ma setax jiġi ppruvat li dawn il-kards u vawċers kienu ġew irċevuti minn persuni li jirrappreżentaw dawn il-kumpanniji Rumeni. Għalhekk, in-NAP ikkunsidrat it-tranżazzjonijiet bħala provvista ta' servizzi li l-post tal-provvista tagħhom kien fil-Bulgarija, fejn Vivacom kienet teżerċita l-attività tagħha, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar il-VAT [3].

7. Konsegwentement, fl-20 ta' Ġunju 2012, in-NAP bagħtet lil Vivacom avviż ta' aġġustament, li stabbilixxa obbligi addizzjonali tal-VAT fl-ammont totali ta' 760 183.15 lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 388 485).

8. Vivacom ħallset l-ammont dovut u bdiet proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv kontra dan l-avviż, li ma rnexxewx.

9. Għalhekk Vivacom ippreżentat rikors kontra dan l-avviż quddiem l-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija, il-Bulgarija; iktar 'il quddiem l-"ASSG"), li ġie parzjalment miċħud. Skont dik il-qorti, Vivacom kienet responsabbli għall-ħlas tal-VAT peress li t-tranżazzjonijiet involuti kienu kkaratterizzati bħala kunsinna ta' oġġetti, iżda, peress li l-kards u l-vawċers ma kinux telqu mill-maħżen ta' Vivacom, il-post tal-kunsinna kien jinsab fit-territorju Bulgaru.

10. Vivacom ippreżentat appell minn din is-sentenza quddiem il-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija; iktar 'il quddiem il-"VAS"). Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2014, dik il-qorti kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza. B'mod partikolari, il-VAS qablet mal-konstatazzjonijiet tal-ASSG li t-tranżazzjonijiet kienu kunsinna ta' oġġetti, u sabet li r-regoli nazzjonali rilevanti kienu ġew applikati b'mod korrett. Peress li l-VAS hija l-qorti tal-aħħar istanza, is-sentenza tagħha hija definittiva.

11. Sussegwentement, fit-12 ta' Diċembru 2019, Vivacom ippreżentat rikors għad-danni fuq il-bażi tar-responsabbiltà tal-Istat kif żviluppata fid-dritt tal-Unjoni kontra n-NAP u l-VAS quddiem l-ASSG. Vivacom sostniet li n-NAP u l-VAS kienu applikaw b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-VAT, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha.

12. Permezz ta' sentenza tat-18 ta' April 2022, l-ASSG ċaħdet ir-rikors ta' Vivacom. B'mod partikolari, dik il-qorti ddeċidiet li ma kienx hemm ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni min-NAP jew mill-VAS.

13. F'dan ir-rigward, l-ASSG iddeċidiet li n-NAP kienet applikat korrettament id-dritt applikabbli. Dik il-qorti qieset ukoll li, minkejja li l-VAS kienet ikklassifikat b'mod żbaljat it-tranżazzjonijiet bħala kunsinni ta' oġġetti u mhux bħala servizzi, it-trattament ġuridiku korrett ta' dawn il-kunsinni ma kienx iwassal għal riżultat differenti, peress li l-kundizzjonijiet

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p.1, rettifika fil-ĠU 2007: "id-Direttiva dwar il-VAT").

għall-eżenzjoni mill-VAT ma kinux issodisfatti, u li l-VAS kienet korrettament ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda bażi għall-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja invokata minn Vivacom.

14. Vivacom appellat minn din is-sentenza quddiem il-VAS, il-qorti tar-rinviju fil-kawża ineżami. Vivacom issostni, *inter alia*, li r-rwol simultanju tal-VAS bħala l-qorti tal-aħħar istanza u parti fit-tilwima ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali skont id-dritt tal-Unjoni, anki jekk l-awla hija differenti minn dik li tat id-deċiżjoni definittiva fit-tilwima fiskali.

15. Il-qorti tar-rinviju tqis li l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qabel ma jiġi eżaminat il-mertu tal-kawża.

16. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt Bulgaru [4], ir-rikorsi għad-danni bbażati fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lill-VAS jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati amministrattivi. Bħala regola ġenerali, il-proċeduri amministrattivi jiġu deċiżi mill-qrati f'żewġ istanzi. Il-VAS hija l-qorti tal-aħħar istanza, u għalhekk tali rikorsi għad-danni għandhom jiġu eżaminati mill-VAS fl-aħħar istanza.

17. Dik il-qorti għalhekk tistaqsi jekk ir-regoli nazzjonali li jippermettu lill-istess qorti tkun kemm imħallef u konvenuta fl-istess kawża jissodisfawx ir-rekwiżiti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") għal qorti indipendenti u imparzjali.

18. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li Vivacom ma tipprovdi ebda prova konkreta ta' ċirkustanzi li jqajmu mistoqsijiet dwar l-imparzjalità suġġettiva tal-imħallfin tal-awla tal-VAS, iżda tqis li l-VAS hija parzjali minħabba l-kwalità tagħha ta' konvenuta, u li s-sempliċi fatt li r-rikors kontra l-VAS qiegħed jinstema' fl-aħħar istanza quddiem l-istess qorti, minkejja li quddiem awla totalment differenti, huwa biżżejjed sabiex jitqajmu dubji serji dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' kull awla ta' dik il-qorti. L-istess qorti tirrileva wkoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") dwar l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") ma tipprovdix tweġiba definittiva għall-mistoqsija jekk qorti partikolari tistax tieħu konjizzjoni ta' rikors li fiha hija konvenuta [5].

[4] Il-qorti tar-rinviju ssemmi, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 2c(1)(1) taz-Zakon za otgovornostta na darzhavata i obshtinite za vredi (il-Liġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat u tal-Muniċipalitajiet għad-Danni; iktar 'il quddiem iż-"ZODOV"), li tirregola l-proċedura relatata ma' rikorsi għad-danni fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni kontra l-Istat, u tindika li, fil-każ ta' danni li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-qrati amministrattivi u tal-VAS, dawn il-proċeduri huma suġġetti għall-Administrativnoprotsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva; iktar 'il quddiem l-"APK"). Skont l-Artikolu 128(1)(6) tal-APK, rikorsi għad-danni li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-qrati amministrattivi u l-VAS jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-qrati amministrattivi, u taħt l-Artikolu 203(3) tiegħu, dan jinkludi rikorsi għad-danni li jirriżultaw minn ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni.

[5] Il-qorti tar-rinviju ssemmi, f'dan ir-rigward, li l-Qorti EDB ikkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB fis-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2008, Boyan Mihalkov vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2008:0410JUD006771901), u tal-10 ta' Settembru 2018, Gospodinov vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2018:0405JUD002841707), iżda mhux fid-deċiżjonijiet tat-18 ta' Ġunju 2013, Valcheva u Abrashev vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2013:0618DEC000619411) u tat-18 ta' Ġunju 2013, Balakchiev *et* vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2013:0618DEC006518710).

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jippermettu dispożizzjoni legali nazzjonali, bħal dik prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 2c(1) taż-Zakon za otgovornostta na darzhavata i obshtinite za vredi (il-Liġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat u tal-Muniċipalitajiet għad-Danni), ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 203(3) u mal-punt 6 tal-Artikolu 128(1) tal-Administrativnoprotsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva), li tipprovdi li kawża għall-kumpens tad-danni kkawżati minn ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija), li fiha l-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema) tkun il-konvenuta, għandha tinstema' fl-aħħar istanza minn din l-istess qorti?"

20. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn Vivacom Bugaria, mill-VAS, mill-Gvern Bulgaru u mill-Kummissjoni Ewropea. Ma nżammet l-ebda seduta.

III. Analiżi

A. Il-kwistjoni mqajma minn din il-kawża

21. Fis-sentenza prinċipali Köbler[6], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni japplika wkoll meta dan il-ksur jirriżulta minn deċiżjoni ta' qorti tal-aħħar istanza (iktar 'il quddiem ir-"responsabbiltà Köbler")[7].

22. F'dik is-sentenza, b'risposta għall-argumenti ta' ċerti Stati Membri li l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għad-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza kienet prekluża minħabba diffikultajiet sabiex tiġi indikata l-qorti kompetenti[8], il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-"implementazzjoni ta' l-imsemmi prinċipju ma tistax tiġi kompromessa min-nuqqas ta' qorti kompetenti"[9].

[6] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003 (C-224/01, EU:C:2003:513, b'mod partikolari l-punti 30 sa 50). Din is-sentenza bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti, inklużi s-sentenzi seminali tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, b'mod partikolari l-punt 35), u tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du Pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, b'mod partikolari l-punt 31), li stabbilixxew li l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat għat-telf u d-danni kkawżati lill-individwi minn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lill-Istat huwa inerenti fis-sistema tat-Trattati. Ara, iktar reċentement, pereżempju, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807, punt 92), u tal-24 ta' Novembru 2022, Varhoven administrativen sad (Tħassir tad-dispożizzjoni kkontestata) (C-289/21, EU:C:2022:920, punt 35).

[7] Għal diskussjoni ġenerali, ara, pereżempju, Granger, M.-P. F., "*Francovich* liability before national courts: 25 years on, has anything changed?', f'Giliker, P. (editur), *Research Handbook on EU Tort Law*, Edward Elgar, Cheltenham u Northampton, 2017, p. 93; Varga, Z., *The Effectiveness of the Köbler Liability in National Courts*, Hart, Oxford, 2020.

[8] Ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, b'mod partikolari l-punti 21, 28 u 44). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger f'Köbler (C-224/01, EU:C:2003:207, b'mod partikolari l-punti 18 u 21).

[9] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler(C-224/01, EU:C:2003:513, punt 45). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger f'Köbler (C-224/01, EU:C:2003:207, punti 107 sa 114).

23. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet lill-Istati Membri, fl-osservanza tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali, il-kompitu li jipprevedu l-modalitajiet proċedurali li skonthom l-individwi jistgħu jressqu quddiem il-qrati talbiet għar-responsabbiltà Köbler, filwaqt li fakkret li dawn ir-regoli għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [10].

24. Il-kawża ineżami tikkontesta tali regoli stabbiliti minn Stat Membru sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà Köbler minħabba l-kompatibbiltà tagħhom mal-ħtieġa ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

25. Dan ir-rekwiżit, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [11] llum jinsab stabbilit kemm fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta, li l-qorti tar-rinviju talbet interpretazzjoni tiegħu.

26. Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandu l-istess kontenut matul l-applikazzjoni tiegħu fid-dritt tal-Unjoni [12]. Huwa jeżiġi b'mod partikolari li l-qorti adita bit-talba li tallega ksur ta' dritt ibbażat fl-Unjoni Ewropea, bħal fil-kawża ineżami, tkun indipendenti u imparzjali [13].

27. Skont il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' żewġ aspetti tal-indipendenza ġudizzjarja: dak estern u dak intern. L-aspett estern jeżiġi li l-qorti teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun suġġetta għal ebda restrizzjoni ġerarkika jew issubordinata għal xi korp ieħor u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew struzzjonijiet minn kwalunkwe sors li jkun, u b'hekk tkun protetta kontra interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jippreġudikaw il-ġudizzju indipendenti tal-membri tagħha u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. L-aspett intern, ukoll ikklassifikat bħala imparzjalità ġudizzjarja, huwa intiż li jiżgura li l-imħallfin li jiddeċiedu jżommu distanza ugwali fil-konfront tal-partijiet fil-proċeduri u l-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett tagħhom. Dan jeżiġi l-oġġettività u l-assenza ta' kull interess fl-eżitu tal-proċeduri lil hinn mill-applikazzjoni stretta tal-Istat tad-dritt [14].

28. Id-domanda magħmula fil-kawża ineżami tikkonċerna r-rekwiżit ta' imparzjalità, peress li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-regoli Bulgari applikabbli jiżgurawx li l-VAS, fid-dawl tal-pożizzjoni tagħha bħala konvenuta, ma għandha ebda interess fl-eżitu tal-azzjoni għad-danni minbarra l-applikazzjoni tal-liġi. Fil-qosor, tali sitwazzjoni tista' tkun f'kunflitt mal-massima *nemo judex in causa sua*, li skontha ħadd ma għandu jkun imħallef fil-kawża tiegħu stess.

[10] Ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punt 47).

[11] Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 35), u tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 69).

[12] L-Avukat Ġenerali Emiliou rrileva fil-konklużjonijiet tiegħu f'Asociația "Forumul Judecătorilor din România" (C-216/21, EU:C:2023:116, punt 26) li huwa ċar li, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jeżisti prinċipju wieħed ta' indipendenza ġudizzjarja u li kemm il-kontenut tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta, huwa essenzjalment l-istess f'termini ta' indipendenza ġudizzjarja.

[13] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596, punti 57 u 58), u tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank (C-132/20, EU:C:2022:235, punti 93 u 94).

[14] Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 121 u 122), u tat-18 ta' April 2024, OT *et* (Tneħħija ta' Qorti) (C-634/22, EU:C:2024:340, punt 35).

29. La Köbler u lanqas ġurisprudenza sussegwenti [15] ma ttrattaw din il-kwistjoni.

30. Il-problema potenzjali bl-imparzjalità ġiet irrikonoxxuta mill-istudjużi [16]. Madankollu, bi ftit eċċezzjonijiet [17], huma ma ddiskutewhiex iktar.

31. Qabel ma nispjega l-pożizzjoni tiegħi dwar il-kwistjoni ta' imparzjalità mqajma fil-kawża ineżami, ser nerġa' nirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u dik tal-Qorti EDB li jistgħu jkunu ta' ċerta rilevanza.

B. Ħarsa mill-ġdid lejn il-ġurisprudenza

1. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

32. Fil-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, filwaqt li rreferiet għall-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, li l-osservanza tal-imparzjalità tista' tiġi eżaminata b'żewġ modi. L-eżami suġġettiv jieħu inkunsiderazzjoni l-konvinzjonijiet personali u l-aġir ta' mħallef partikolari, filwaqt li l-eżami oġġettiv jistaqsi jekk jeżistux, lil hinn mill-aġir tal-imħallef, fatti verifikabbli li jistgħu jqajmu dubji dwar l-imparzjalità tiegħu jew tagħha. Fl-evalwazzjoni tal-imparzjalità fir-rigward tal-eżami oġġettiv, anki l-apparenzi jistgħu jkunu ta' ċerta importanza [18].

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat ir-rekwiżit tal-imparzjalità fir-rigward tal-qrati u ta' korpi oħra [19]. Jeżistu tliet linji prinċipali ta' ġurisprudenza li jistgħu jkunu ta' interess fil-kawża ineżami. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn il-kawżi ma ttrattat is-sitwazzjoni partikolari tal-kawża ineżami.

[15] F'kawżi sussegwenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għal ksur ġudizzjarju tad-dritt tal-Unjoni stabbilit f'Köbler, iżda fl-ebda waħda minn dawn il-kawżi ma qamet din il-kwistjoni ta' imparzjalità ġudizzjarja. Fil-fatt, sal-lum, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li fihom hija inkwistjoni r-responsabbiltà Köbler, ġeneralment joriġinaw minn rinviji mressqa minn qrati inferjuri jew b'mod ieħor differenti li jiddeċiedu dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lil qrati tal-aħħar istanza. Ara s-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513) (qorti tal-ewwel istanza); tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391) (qorti tal-ewwel istanza); tad-9 ta' Settembru 2015, Ferreira da Silva e Brito *et* (C-160/14, EU:C:2015:565) (qorti tal-ewwel istanza); tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602) (l-istatus tal-qorti bħala qorti tal-aħħar istanza ma huwiex ċar); u tad-29 ta' Lulju 2019, Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe (C-620/17, EU:C:2019:630) (qorti differenti). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll dwar azzjonijiet dwar ksur kontra Stati Membri fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn qrati tal-aħħar istanza, li lanqas ma qajmu din il-kwistjoni. Ara s-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-129/00, EU:C:2003:656); tat-12 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-154/08, EU:C:2009:695); tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811); u tal-14 ta' Marzu 2024, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Sentenza tal-Qorti Suprema) (C-516/22, EU:C:2024:231); ara wkoll is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-379/10, EU:C:2011:775) (nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenza Traghetti ċċitata iktar 'il fuq).

[16] Għal selezzjoni, ara, pereżempju, Toner, H., "Thinking the Unthinkable? State Liability for Judicial Acts after Factortame (III)", *Yearbook of European Law*, Vol. 17, No 1, 1997, p. 165, b'mod partikolari p. 187 u 188; Anagnostaras, G., "The Principle of State Liability for Judicial Breaches: The Impact of European Community Law", *European Public Law*, Vol. 7, No 2, 2001, p. 281, b'mod partikolari p. 295 u 296; Garde, A., "Member States' liability for judicial acts or omissions: much ado about nothing?", *Cambridge Law Journal*, Vol. 63, No 3, 2004, p. 564, b'mod partikolari p. 566 u 567; van Dam, C., *European Tort Law, Second edition*, Oxford University Press, Oxford, 2013, p. 47; Demark, A., "Contemporary Issues regarding Member State Liability for Infringements of EU Law by National Courts", *EU and Comparative Law Issues and Challenges Series*, Vol. 4, 2020, p. 352, b'mod partikolari p. 372.

[17] Xi studjużi ddiskutew l-istabbiliment ta' proċeduri speċjali jew qrati speċjali għat-talbiet ibbażati fuq ir-responsabbiltà Köbler. Ara, pereżempju, Wattel, P. J., "Köbler, CILFIT and Welthgrove: We Can't Go On Meeting Like This", *Common Market Law Review*, Vol. 41, No 1, 2004, p. 177, b'mod partikolari p. 180. Studjużi oħra kkontemplaw li jafdaw lill-Qorti tal-Ġustizzja bil-ġurisdizzjoni fuq tali talbiet. Ara, pereżempju, Hofstötter, B., *Non-Compliance of National Courts – Remedies in European Community Law and Beyond*, TMC Asser Press, The Hague, 2005, b'mod partikolari p. 165 sa 175.

[18] Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 128) (b'riferiment għall-Qorti EDB, s-sentenzi tas-6 ta' Mejju 2003, Kleyn *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:2003:0506JUD003934398), u tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113)).

[19] Għal sommarju tal-ġurisprudenza, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Il-Parlament vs UZ (C-894/19 P, EU:C:2021:497, punti 54 sa 118).

34. L-ewwel, teżisti ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja evalwat jekk il-korp tar-rinviju kienx qiegħed jaġixxi bħala terz fir-rigward tal-interessi inkwistjoni. Madankollu, din l-evalwazzjoni tal-imparzjalità saret sabiex issir distinzjoni bejn il-funzjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi [20], li ma huwiex il-każ fil-kawża ineżami. Ma hemm l-ebda dubju li l-VAS hija qorti; l-unika kwistjoni hija jekk, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni, dik il-qorti tistax titqies li hija suffiċjentement imparzjali.

35. It-tieni, teżisti ġurisprudenza dwar l-imparzjalità kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tal-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' rikorsi għad-danni li jirriżultaw mill-allegat ksur mill-Qorti Ġenerali tar-rekwiżit li tagħti ġudizzju fi żmien raġonevoli skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta [21]. Madankollu, fil-fehma tiegħi, din il-ġurisprudenza ma tidhirx li tista' tiġi trasposta għall-kawża ineżami għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, hija relatata ma' rikorsi għad-danni attribwibbli lill-Qorti Ġenerali u għalhekk ma tikkonċernax sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Ġustizzja bħala qorti tal-aħħar istanza tkun qiegħda tiddeċiedi dwar allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lilha [22]. It-tieni, din il-ġurisprudenza hija relatata mal-ksur tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, jiġifieri ma hijiex relatata mal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u allegati żbalji fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kif huwa l-każ bir-responsabbiltà Köbler.

36. It-tielet, teżisti ġurisprudenza li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-imparzjalità tal-Qorti Ġenerali minħabba l-kompożizzjoni tal-awla li tiddeċiedi. Grupp ta' kawżi jikkonċerna sitwazzjonijiet li fihom uħud mill-istess imħallfin kienu sedenti f'kulleġġi suċċessivi qabel u wara r-rinviju mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell [23]. Grupp ieħor jikkonċerna l-istess imħallfin sedenti f'kawżi relatati [24]. Barra minn hekk, qamet il-kwistjoni dwar allegat kunflitt ta' interessi fuq il-bażi tal-impjieg preċedenti ta' mħallef [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma sabet l-ebda problema ta' imparzjalità fl-ebda waħda minn dawn il-kawżi. Madankollu, dawn il-kawżi huma differenti mill-kawża ineżami peress li ma jikkonċernawx sitwazzjoni fejn l-imħallfin iddeċidew dwar il-ksur tagħhom stess tad-dritt tal-Unjoni.

[20] Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, RTL Belgium (C-517/09, EU:C:2010:821, b'mod partikolari l-punti 41 sa 47); tal-31 ta' Jannar 2013, Belov (C-394/11, EU:C:2013:48, b'mod partikolari l-punti 45 sa 51); tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, b'mod partikolari l-punt 37); tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, b'mod partikolari l-punti 72 sa 74); u tat-3 ta' Mejju 2022, CityRail (C-453/20, EU:C:2022:341, b'mod partikolari l-punti 63 sa 71).

[21] Ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, L-Unjoni Ewropea vs Kendrion (C-150/17 P, EU:C:2018:1014, punti 27 sa 40).

[22] F'dan ir-rigward, nirrileva li, fis-sentenza tal-5 ta' Settembru 2019, L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe u Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea (C-447/17 P u C-479/17 P, EU:C:2019:672, punti 74 sa 85), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-responsabbiltà Köbler hija trasponibbli għas-sistema li tirregola r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni u li l-Qorti Ġenerali tista' tiġi assimilata ma' qorti ta' Stat Membru li *ma tiddeċidix* fl-aħħar istanza, b'tali mod li l-ksur tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta minn deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistax jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni; minflok, il-preżentata ta' appell hija l-mezz xieraq sabiex jiġu kkorreġuti l-iżbalji mwettqa fid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

[23] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et* (C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punti 44 sa 61), u tal-4 ta' Diċembru 2019, H vs Il-Kunsill (C-413/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1044, punti 45 sa 63).

[24] Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Frar 2009, Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament (C-308/07 P, EU:C:2009:103, punti 41 sa 50).

[25] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-24 ta' Marzu 2022, Wagenknecht vs Il-Kummissjoni (C-130/21 P, EU:C:2022:226, punti 15 sa 25).

2. Il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB

37. Bħalma l-Qorti EDB irrikonoxxiet fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 6(1) KEDB, fil-parti l-kbira ħafna ta' kawżi li jirriżultaw minn kwistjonijiet ta' imparzjalità, hija ffukat fuq l-eżami oġġettiv [26].

38. Il-Qorti EDB għadha ma ddeċidietx dwar kawża relatata ma' sitwazzjoni komparabbli li tinvolvi qorti tal-aħħar istanza [27]. Madankollu, hemm kawżi li jistgħu jkunu ta' ċerta rilevanza għall-kawża ineżami.

39. Pereżempju, ċerti kawżi qajmu l-kwistjoni tal-imparzjalità tal-mħallfin li jiddeċiedu jekk kinux wettqu żbalji ta' interpretazzjoni ġuridika jew ta' applikazzjoni legali fid-deċiżjoni preċedenti tagħhom. Il-Qorti EDB qieset li dan seta' jqajjem tħassib iġġustifikat ta' imparzjalità. Madankollu, f'dawn il-kawżi, huma l-istess imħallfin li ġew mitluba jiddeċiedu jekk wettqux huma stess dawn l-iżbalji, u għalhekk il-Qorti EDB ikkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) KEDB [28]. Għall-kuntrarju, fil-kawża ineżami, huma mħallfin differenti li għandhom jiddeċiedu dwar it-talba għar-responsabbiltà, minkejja li din hija l-istess qorti.

40. Barra minn hekk, il-kawżi ta' Mihalkov vs Il-Bulgarija [29], u Boyan Gospodinov vs Il-Bulgarija [30], invokati mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kienu jinvolvu talbiet għad-danni minħabba l-kundanna żbaljata tar-rikorrenti. Minbarra x-xejriet fattwali kumplessi f'dawn iż-żewġ kawżi, il-kwistjoni tal-imparzjalità kienet teżisti fil-livell tal-qrati inferjuri li d-deċiżjonijiet tagħhom setgħu jkunu s-suġġett ta' appell. Il-Qorti EDB ikkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) KEDB peress li, minn naħa, ċerti elementi kienu jqajmu dubji leġittimi dwar l-imparzjalità fir-rigward tal-qrati ta' livell inferjuri u, min-naħa l-oħra, il-qrati ta' livell għoli ma neħħewx dawn id-dubji. Dak li jista' jkun rilevanti għall-kawża ineżami huwa li l-elementi li wasslu lill-Qorti EDB sabiex tqis bħala fondati d-dubji leġittimi ta' imparzjalità kienu li l-qrati inferjuri inkwistjoni kienu konvenuti fil-kawżi għad-danni li huma kienu qegħdin jiddeċiedu u li l-kumpens kellu jitħallas mill-baġit ta' dawn il-qrati.

41. Fil-qosor, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti EDB ma tagħtix tweġiba ċara fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-eżami oġġettiv ta' imparzjalità jwassalx għall-konklużjoni li qorti tal-aħħar istanza li tiddeċiedi fil-kawża tagħha stess għandhiex dejjem tinftiehem bħala parzjali.

42. Għaldaqstant, sabiex jiġi applikat l-eżami oġġettiv ta' imparzjalità fil-kawża ineżami, huwa importanti li l-ewwelnett jinftiehem fiex jikkonsisti dan l-eżami.

[26] Il-Qorti EDB żiedet li ma hemmx diviżjoni ċara bejn l-imparzjalità suġġettiva u oġġettiva, peress li l-aġir ta' mħallef mhux biss jista' jqajjem dubji oġġettivi dwar l-imparzjalità mill-perspettiva tal-osservatur estern (eżami oġġettiv), iżda jista' wkoll jidħol fil-kwistjoni tal-konvinzjonijiet personali tiegħu jew tagħha (eżami suġġettiv). Ara, pereżempju, Qorti EDB, 23 ta' April 2015, Morice vs Franza (CE:ECHR:2015:0423JUD002936910, punt 75), u tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 146).

[27] Bħalissa hemm kawża pendenti quddiem il-Qorti EDB dwar kwistjoni simili għall-kawża ineżami. Ara Qorti EDB, Doynov vs Il-Bulgarija (Rikors Nru 27455/22), Sommarju Legali, Mejju 2023, li tinvolvi rikors ippreżentat skont l-Artikolu 6(1) KEDB ibbażat fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tal-VAS biex tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà tagħha stess dwar allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni.

[28] Ara Qorti EDB, s-sentenzi tad-29 ta' Lulju 2004, San Leondard Band Club vs Malta (CE:ECHR:2004:0729JUD007756201, punti 61 sa 66), u tas-7 ta' Lulju 2020, Scerri vs Malta (CE:ECHR:2020:0707JUD003631818, punti 75 sa 81.).

[29] Ara Qorti EDB, sentenza tal-10 ta' Lulju 2008 (CE:ECHR:2008:0410JUD006771901, punti 46 sa 51).

[30] Ara Qorti EDB, sentenza tal-10 ta' Settembru 2018 (CE:ECHR:2018:0405JUD002841707, punti 54 sa 60).

C. Fiex jikkonsisti l-eżami oġġettiv ta' imparzjalità

43. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet, l-imparzjalità suġġettiva tal-imħallfin fil-kulleġġ ġudikanti u li jifformaw il-VAS fil-kawża ineżami ma ġietx ikkontestata.

44. Din il-kawża pjuttost tirrigwarda l-eżami oġġettiv ta' imparzjalità. Hija tistaqsi jekk, mill-perspettiva esterna, il-fatt li l-istess qorti tal-aħħar istanza hija kemm imħallef kif ukoll parti fil-kawża joħloqx il-perċezzjoni ta' parzjalità.

45. Għaliex huwa importanti dan?

46. Fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, "[d]an […] huwa marbut mal-fiduċja li l-qrati ta' soċjetà demokratika għandhom jispiraw fl-individwi" [31].

47. L-eżami oġġettiv ta' imparzjalità jikkonċerna għalhekk il-funzjoni pubblika tal-prinċipju ta' imparzjalità ġudizzjarja, minbarra l-garanzija tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tal-partijiet f'tilwima [32]. F'dan is-sens, dan l-eżami jirrigwarda l-apparenzi, jiġifieri jekk dubji raġonevoli dwar l-imparzjalità ġewx eliminati biżżejjed f'għajnejn il-pubbliku [33].

48. Is-sitwazzjoni bħal dik fil-kawża ineżami, li fiha qorti tal-aħħar istanza tiddeċiedi dwar rikors ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lil dik l-istess qorti, tidher, *prima facie*, li tista' tqajjem dubji leġittimi dwar l-imparzjalità ta' dik il-qorti. Jidher li l-VAS hija *judex in causa sua*.

49. Madankollu, mill-pożizzjoni tal-partijiet fil-kawża ineżami jirriżulta li ċerti elementi li jirriżultaw mir-regoli applikabbli għall-VAS fis-sitwazzjoni inkwistjoni jimmitigaw jew isaħħu din l-apparenza ta' parzjalità.

50. Għalhekk jidhirli li jeżistu *gradi ta' probabbiltà* li l-imħallfin li jiddeċiedu kawża jkunu parzjali fir-rigward tal-pożizzjoni ta' waħda mill-partijiet.

51. Pereżempju, ir-riskju ta' parzjalità huwa ogħla jekk l-istess imħallfin jiddeċiedu dwar talba għad-danni li jirriżultaw mid-deċiżjoni tagħhom stess milli jekk din it-talba tiġi deċiża minn awla ta' mħallfin differenti tal-istess qorti. Ir-riskju ta' parzjalità huwa saħansitra iktar baxx jekk din it-talba tiġi deċiża minn qorti totalment differenti. Biex nagħmlu pass ieħor, il-probabbiltà ta' parzjalità hija saħansitra iktar baxxa jekk tkun parti oħra tal-gvern li tiddeċiedi. B'xi mod, kull wieħed minn dawn l-istadji jagħmel it-talba inqas *causa sua* tal-imħallfin li jiddeċiedu f'għajnejn il-pubbliku.

[31] Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 128) (li tirreferi għall-Qorti EDB, is-sentenzi tas-6 ta' Mejju 2003, Kleyn *et* Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:2003:0506JUD003934398), u tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113)).

[32] Qabbel ma' Geyh, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 2 ta' dawn il-konklużjonijiet, li jiddistingwi bejn id-dimensjonijiet proċedurali, politiċi u etiċi tal-imparzjalità.

[33] Kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-perspettiva ta' parti għandha tittieħed inkunsiderazzjoni iżda ma għandhiex rwol deċiżiv. L-element determinanti huwa jekk it-tħassib inkwistjoni jistax jitqies li huwa oġġettivament iġġustifikat." Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 129).

52. Jekk jiġi aċċettat li l-imparzjalità ma hijiex assoluta, iżda għandha intensità varjabbli, dan ifisser li l-kwistjoni dwar jekk tneħħewx dubji dwar l-imparzjalità hija wkoll waħda ta' intensità varjabbli. Il-kwistjoni ssir li nistaqsu f'liema livell ta' probabbiltà u f'liema kundizzjonijiet huwa possibbli li jiġi konkluż li l-apparenza ta' imparzjalità f'għajnejn il-pubbliku ġiet issodisfatta b'mod suffiċjenti.

53. Din il-kwistjoni, kif issuġġerit mill-Kummissjoni, tiddependi fuq elementi differenti fl-ordinament ġuridiku partikolari. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, din ma tistax tingħata risposta b'mod ġenerali għall-Istati Membri kollha. Pereżempju, xi Stati Membri jista' jkollhom biss qorti waħda tal-aħħar istanza fil-ġerarkija ġudizzjarja, filwaqt li oħrajn jista' jkollhom tnejn jew iktar [34]. L-Istati Membri jista' jkollhom raġunijiet differenti għalfejn jorganizzaw il-ġudikatura tagħhom b'ċertu mod.

54. Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' kull ordinament ġuridiku, is-soluzzjoni aċċettabbli tiddependi minn eżerċizzju ta' bbilanċjar li, sabiex iwieġeb jekk huwiex possibbli li jintlaħaq livell iktar baxx ta' probabbiltà ta' parzjalità, jieħu inkunsiderazzjoni interessi oħra ta' dan l-ordinament [35]. Fid-dawl tal-importanza tal-prinċipju ta' imparzjalità ġudizzjarja, l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali għandhom jagħtu piż kunsiderevoli lil dan il-prinċipju fl-eżerċizzju ta' bbilanċjar.

55. Għaldaqstant, il-mistoqsija li għandha tiġi mwieġba f'kull każ hija jekk ir-regola kif applikata tissodisfax l-iktar livell baxx ta' probabbiltà ta' parzjalità possibbli fil-kuntest ta' ordinament ġuridiku partikolari. Il-qorti li twieġeb din il-mistoqsija għandha tivverifika jekk in-nuqqas ta' elementi addizzjonali li jippermettu li jiġi ssodisfatt livell ta' probabbiltà ta' parzjalità saħansitra iktar baxx huwiex iġġustifikat minn interessi oħra ta' dan l-ordinament.

56. Tali rekwiżit ta' bbilanċjar ma huwiex ġdid fid-dritt tal-Unjoni. Imsejjaħ mill-istudjużi bħala r-regola proċedurali tar-raġuni [36], tali rekwiżit ġie elaborat f'kawżi li jqajmu mistoqsijiet dwar l-effettività tar-regoli nazzjonali fil-kuntest tal-awtonomija proċedurali nazzjonali [37].

D. L-eżami oġġettiv ta' imparzjalità fil-kawża ineżami

57. Isegwi li r-risposta għad-domanda magħmula hija, finalment, f'idejn il-qorti tar-rinviju. Hija dik il-qorti, pjuttost milli l-Qorti tal-Ġustizzja, li tista' tieħu inkunsiderazzjoni interessi oħra tal-ordinament ġuridiku Bulgaru biex tevalwa jekk regola li tippermetti lill-VAS tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà tagħha hijiex fil-fatt l-iktar livell baxx ta' probabbiltà ta' parzjalità possibbli.

58. Xi jrid jiġi evalwat?

[34] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot f'Der Grüne Punkt - Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, EU:C:2009:210, punt 337), li fiha huwa qies li kriterju li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbiltà għad-danni fis-sistema ġudizzjarja fil-livell tal-Unjoni huwa li din is-sistema hija komposta biss minn żewġ qrati.

[35] Dwar l-ibbilanċjar ta' interessi oħra mal-prinċipju ta' *nemo judex in causa sua*, ara Vermeule, A., "Contra *Nemo Iudex in sua Causa*: The Limits of Impartiality", *Yale Law Journal*, Vol. 122, Nru 2, 2012, p. 384.

[36] Ara Prechal, S., "Community Law in National Courts: The Lessons from Van Schijndel", *Common Market Law Review*, Vol. 35, No 3, 1998, p. 681, b'mod partikolari p. 690.

[37] Ara s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1995:437, punt 14), u tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441, punt 19). Ara wkoll, iktar reċentement, pereżempju, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, EU:C:2021:799, punt 63), u tat-23 ta' Novembru 2023, Provident Polska (C-321/22, EU:C:2023:911, punt 63).

59. Fuq il-bażi tal-informazzjoni mqiegħda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li hemm diversi elementi li jistgħu jkunu kapaċi jneħħu dubji dwar l-imparzjalità tal-VAS fil-kawża preżenti. Dawn l-elementi jikkonċernaw ir-rikors quddiem awla differenti jew anki qorti differenti, l-identità tal-konvenut u r-regoli baġitarji rilevanti.

1. Il-kawża hija deċiża minn awla differenti

60. L-ewwel, kif indikat mill-Gvern Bulgaru u mill-VAS, rikorsi għad-danni fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli għall-VAS jinstemgħu minn awla differenti tal-VAS komposta minn imħallfin differenti minn dawk li taw id-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni [38].

61. Dan l-element jidher li jista' jimmitiga dubji leġittimi dwar l-imparzjalità ta' din il-qorti sa ċertu punt.

62. F'dan ir-rigward, minn analiżi komparattiva sommarja jirriżulta li dan huwa konformi mal-prattika ta' ċerti qrati oħra tal-Istati Membri. F'diversi sitwazzjonijiet fejn il-qrati tal-aħħar istanza ddeċidew dwar talbiet għar-responsabbiltà Köbler li jirriżultaw minn ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lilhom, ma tqajmet l-ebda kwistjoni ta' imparzjalità la mill-partijiet u lanqas mill-imħallfin stess [39]. Ċerti qrati nazzjonali kkunsidraw li ma hemm l-ebda problema ta' imparzjalità meta l-qorti tiddeċiedi f'kompożizzjoni differenti [40].

63. Kwistjoni relatata li tista' tkun importanti, u li ġiet diskussa fl-osservazzjonijiet tal-partijiet, hija l-mod kif jiġu assenjati l-kawżi. Jekk l-awla li tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà fil-kawża partikolari tintgħażel b'mod każwali, dan jista' jimmitiga d-dubji leġittimi dwar in-nuqqas ta' imparzjalità tal-awla tal-VAS li tiddeċiedi l-kawża.

2. Il-kawża hija deċiża minn qorti oħra

64. Awla oħra diġà żżid id-distanza bejn il-qorti bħala mħallef u l-qorti bħala parti. Madankollu, jekk ir-rikors jiġi deċiż minn qorti oħra, kif issostni Vivacom, dan ikun jista' jneħħi, iktar u iktar, id-dubji dwar parzjalità potenzjali.

65. Bi tweġiba għall-argument ta' Vivacom, il-Gvern Bulgaru u l-VAS jispjegaw li ma hemm l-ebda mekkaniżmu previst mid-dritt Bulgaru li jippermetti lil qrati oħra jisimgħu rikorsi għad-danni fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lill-VAS.

66. Fl-applikazzjoni tal-eżami oġġettiv ta' imparzjalità, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa għalhekk jekk l-impossibbiltà, skont id-dritt nazzjonali, li tittrasferixxi l-kawża lil qorti oħra tistax tiġi ġġustifikata.

[38] Kif tindika wkoll il-VAS, l-attività ġudizzjarja ta' dik il-qorti hija eżerċitata fil-forma ta' kulleġġi ta' tliet jew ħames membri u kull kulleġġ kulleġġjali huwa awtonoma, mingħajr ebda forma ta' interazzjoni mal-kulleġġi kulleġġjali l-oħra jew mal-imħallfin l-oħra tal-VAS.

[39] Pereżempju, f'żewġ kawżi, ir-responsabbiltà ġiet ikkonstatata minn qrati ta' istanza inferjuri, iżda dawn is-sentenzi ġew annullati fl-appell mill-qrati tal-aħħar istanza li l-applikazzjoni żbaljata tagħhom tad-dritt tal-Unjoni kienet inkwistjoni u ma tqajmet l-ebda kwistjoni ta' imparzjalità. Ara l-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), sentenza tat-18 ta' Novembru 2016 (15-21.438; FR:CCASS:2016:AP00630); Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema, Il-Portugall), sentenza tat-12 ta' Marzu 2009 (9180/07.3TBBRG.G1.S1). Dawn iż-żewġ kawżi huma diskussi minn Varga, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 7 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 57 u 58. Ara wkoll Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), sentenza tal-20 ta' Mejju 2022 (3-20-1684).

[40] Ara, pereżempju, Grondwettelijk Hof vs Cour constitutionnelle, (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), sentenza tat-23 ta' Frar 2017 (29/2017); Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), sentenza tal-1 ta' April 2022 (443882; FR:CECHR:2022:443882.20220401); Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), sentenza tal-21 ta' Diċembru 2018 (17/00424; NL:HR:2018:2396).

67. F'dan ir-rigward, il-Gvern Bulgaru u l-VAS isostnu li dan id-dritt nazzjonali jirrifletti l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali li jallinja r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati amministrattivi u l-kompetenzi fil-qasam amministrattiv sabiex tiġi stabbilita sistema koerenti ta' ġustizzja amministrattiva. Il-fatt li jkun hemm qrati differenti li jiddeċiedu rikorsi li jinvolvu kwistjonijiet amministrattivi ma jieħux inkunsiderazzjoni s-sistema ġudizzjarja kif stabbilita mill-Kostituzzjoni Bulgara u l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, li skonthom il-qrati amministrattivi għandhom il-ġurisdizzjoni tagħhom stess fi kwistjonijiet amministrattivi.

68. Naturalment, wieħed jista' jimmaġina sistema ġudizzjarja differenti minn dik fil-Bulgarija. Madankollu, fil-fehma tiegħi, l-obbligu impost fuq il-qrati nazzjonali li jikkonstataw il-livell ta' probabbiltà l-iktar baxx possibbli ta' parzjalità ma jeħtieġx reviżjoni tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti tal-Istati Membri. Dan huwa partikolarment il-każ meta tali sistema ġudizzjarja jkollha garanziji strutturali oħra ta' imparzjalità. Fil-kawża ineżami, ma tqajmu l-ebda kwistjonijiet sistemiċi dwar l-indipendenza jew l-imparzjalità tal-qrati fil-Bulgarija.

69. Konsegwentement, jiena nqis li l-argumenti mressqa mill-Gvern Bulgaru u mill-VAS huma aċċettabbli sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni li tinżamm il-ġurisdizzjoni fuq talbiet għar-responsabbiltà fi ħdan is-sistema tal-qrati amministrattivi, anki jekk dan ifisser li l-istess qorti, f'każ ta' appell, tiddeċiedi fuq ir-responsabbiltà tagħha stess.

3. Fuq l-identità tal-konvenut

70. Fis-sentenza Köbler, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet ir-responsabbiltà *tal-Istat* għal ksur imwettaq mill-qrati tal-aħħar istanza. Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi li l-Istat huwa konvenut, u mhux neċessarjament il-qorti li l-allegat ksur tagħha tad-dritt tal-Unjoni huwa inkwistjoni.

71. Il-fatt li l-Istat ikun formalment il-konvenut, u mhux il-qorti stess, jidher li jtejjeb l-apparenza ta' imparzjalità. Dan għaliex il-pubbliku x'aktarx jipperċepixxi bħala distint ir-rwol tal-Istat bħala parti minn dak tal-qorti li taġixxi bħala qorti f'din il-kawża.

72. Fil-kawża ineżami, dan l-element ma huwiex kompletament ċar. Skont l-argumenti ta' Vivacom, il-VAS hija l-konvenuta fil-kawża prinċipali, li fiha hija diġà esprimiet il-pożizzjoni tagħha [41]. Għall-kuntrarju, skont l-argumenti tal-VAS, skont id-dritt Bulgaru, f'rikorsi għad-danni li jirriżultaw minn ksur tad-dritt tal-Unjoni, ir-responsabbiltà taqa' fuq l-Istat, u mhux fuq il-qorti li kkawżat id-dannu lil individwu permezz tad-deċiżjoni tagħha. Konsegwentement, il-VAS issostni wkoll li, fil-kawża ineżami, il-VAS bħala entità ġuridika indikata bħala konvenuta mil-liġi applikabbli hija s-sostitut proċedurali tal-Istat [42].

73. Fil-fehma tiegħi, anki jekk sempliċi kwistjoni formali, l-indikazzjoni tal-Istat Bulgaru bħala konvenut minflok il-VAS tkun iktar probabbli li tneħħi d-dubji dwar il-parzjalità tal-VAS f'din it-tilwima. L-importanza li għandha tingħata lil din ir-regola partikolari fl-eżerċizzju tal-ibbilanċjar taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali.

[41] Jista' wkoll jiġi implikat li l-VAS hija formalment konvenuta fil-kawża ineżami mill-ewwel paġna ta' dawn il-konklużjonijiet, li tiddeskrivi l-kawża ineżami bħala Vivacom Bulgaria EAD vs Varhoven administrativen sad u Natsionalna agentsia za prihodite, kif ukoll il-fatt li hija ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[42] Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-VAS tindika li, fil-każijiet kollha ta' responsabbiltà koperti miż-ZODOV u fuq kollox fir-rikorsi għad-danni li jirriżultaw minn ksur tad-dritt tal-Unjoni, ir-responsabbiltà taqa' fuq l-Istat, u mhux fuq il-qorti li kkawżat id-dannu lil individwu permezz tad-deċiżjoni tagħha, kif jindikaw il-kawżi interpretattivi 5/2013 u 7/2014 tal-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija).

4. Regoli baġitarji

74. Kwistjoni marbuta mill-qrib mal-identità tal-konvenut hija l-kwistjoni tal-finanzi. Il-kwistjoni hawnhekk hija dwar min iħallas id-danni jekk tiġi stabbilita r-responsabbiltà Köbler. Ir-regoli baġitarji applikabbli għalhekk jistgħu jimmitigaw jew isaħħu d-dubji dwar l-imparzjalità.

75. Il-ħlas tad-danni mill-baġit tal-Istat minflok mill-baġit tal-qorti kkonċernata jista' iktar ineħħi d-dubji dwar l-imparzjalità ta' din il-qorti.

76. Madankollu, fil-kawża ineżami, jidher li, jekk ir-rikors għad-danni jintlaqa', l-ammonti li jingħataw jitnaqqsu mill-baġit tal-VAS.

77. Dan ma għandux, fih innifsu, iwassal għall-konklużjoni tal-eżistenza ta' problema ta' imparzjalità. Kif indikat mill-VAS u l-Gvern Bulgaru, u mhux kontradett minn Vivacom, l-għoti tad-danni ma jaffettwax ir-remunerazzjoni jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-imħallfin. L-eżistenza ta' linja distinta fil-baġit tal-qorti kienet fattur meħud inkunsiderazzjoni mill-Qorti EDB sabiex tiddistingwi s-sentenza tagħha f'Mihalkov vs Il-Bulgarija u tikkonkludi f'kawża differenti li ma kienx hemm problema ta' imparzjalità [43].

78. Id-dikjarazzjoni li l-Istat huwa l-vera konvenut hija diffiċilment konċiljabbli mal-fatt li d-danni jitħallsu mill-baġit tal-VAS. Madankollu, għalkemm din l-aħħar regola baġitarja għandha ġustifikazzjoni, pereżempju, fl-organizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Bulgarija, ir-regola inkwistjoni tista' xorta waħda tgħaddi mill-eżami oġġettiv ta' imparzjalità. Din hija kwistjoni għall-qorti nazzjonali.

79. Fil-qosor, id-deċiżjoni dwar l-imparzjalità f'kawża konkreta tiddependi fuq elementi differenti tal-ordinament ġuridiku nazzjonali meħuda flimkien u fuq il-mod kif dawn jirrelataw ma' xulxin.

80. Jidhirli li l-elementi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ineżami, dwar l-eżistenza ta' awla differenti, l-identità tal-konvenut u r-regoli baġitarji rilevanti, ineħħu b'mod suffiċjenti d-dubji leġittimi dwar in-nuqqas ta' imparzjalità tal-VAS fid-deċiżjoni dwar rikors għad-danni minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lilha.

IV. Konklużjoni

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija):

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

ma jipprekludux regoli nazzjonali li skonthom rikors għad-danni bbażat fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni attribwibbli lil qorti tal-aħħar istanza għandu jiġi eżaminat minn dik il-qorti, u li fih dik l-istess qorti hija konvenuta, meta dawn ir-regoli jissodisfaw l-iktar livell baxx ta' probabbiltà ta' parzjalità possibbli fil-kuntest ta' ordinament ġuridiku partikolari.

[43] Ara Qorti EDB, deċiżjonijiet tat-18 ta' Ġunju 2013, Valcheva and Abrashev vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2013:0618DEC000619411, punt 100), u tat-18 ta' Ġunju 2013, Balakchiev *et* vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2013:0618DEC006518710, punt 61).

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina din il-kwistjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni d-diversi interessi mfittxija fis-sistema ta' organizzazzjoni ġudizzjarja tal-Istat Membru inkwistjoni.